



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 25 ta' Mejju 2020
(OR. en)**

**2020/0071 (COD)
LEX 2002**

**PE-CONS 14/1/20
REV 1**

**AVIATION 58
CODEC 333**

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI TEMENDA D-DIRETTIVI (UE) 2016/797 U (UE) 2016/798,
FIR-RIGWARD TAL-ESTENSJONI TAL-PERJODI TAT-TRASPOŻIZZJONI TAGĦHOM**

DIRETTIVA (UE) 2020/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Mejju 2020

li temenda d-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798,
fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi tat-traspożizzjoni tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Mejju 2020 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 57(1) tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u l-Artikolu 33 (1) tad-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², l-Istati Membri kellhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawk id-Direttivi sas-16 ta' Ġunju 2019. Madankollu, skont l-Artikolu 57(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797 u l-Artikolu 33(2) tad-Direttiva (UE) 2016/798, l-Istati Membri kellhom il-possibbiltà jestendu l-perjodu tat-traspożizzjoni b'sena.
- (2) Sbatax-il Stat Membru nnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (l-“Aġenzija”) dwar estensjoni tal-iskadenzi tat-traspożizzjoni tad-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798 sas-16 ta' Ġunju 2020.
- (3) Minħabba s-sitwazzjoni straordinarja u imprevedibbli kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19, xi wħud minn dawk l-Istati Membri qed ikollhom diffikultajiet biex ilestu x-xogħol leġislattiv sal-iskadenzi stipulati għat-traspożizzjoni, u għalhekk jissograw li ma jikkonformawx magħhom. Dan in-nuqqas jista' joħloq inċertezza ġuridika għall-industrija ferrovjarja, għall-awtoritajiet nazzjonali u għall-Aġenzija fir-rigward tal-leġislazzjoni li tapplika għas-sikurezza ferrovjarja u għall-interoperabbiltà. L-inabbiltà ta' ċerti Stati Membri li jittrasponu d-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798 minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19 għandha konsegwenzi detrimental għas-settur ferrovjarju.

¹ Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).

² Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102).

- (4) Huwa essenzjali li l-industrija ferrovjarja tingħata ċ-ċarezza u ċ-ċertezza ġuridika billi l-Istati Membri jitħallew, fejn rilevanti, ikomplu japplikaw mis-16 ta' Ġunju 2020, u għal perjodu limitat, id-Direttivi 2004/49/KE¹ u 2008/57/KE² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (5) Peress li t-tifqigħa tal-COVID-19 seħħet matul l-istadju finali tal-adozzjoni tal-miżuri nazzjonali tat-traspożizzjoni tad-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw perjodu addizzjonali biex ilestu l-proċess tat-traspożizzjoni.
- (6) L-iskadenzi tat-traspożizzjoni tad-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798 jenħtieġ li jiġu estiżi sal-31 ta' Ottubru 2020. Id-dati tat-tħassir tad-Direttivi 2004/49/KE u 2008/57/KE, kif stabbiliti fl-Artikolu 58 tad-Direttiva (UE) 2016/797 u fl-Artikolu 34 tad-Direttiva (UE) 2016/798 rispettivament, jenħtieġ li jiġu aġġustati skont dan.
- (7) Għadd ta' atti delegati ġew adottati fuq il-bażi tad-Direttiva (UE) 2016/798 u dawn jirriflettu skadenzi preċedenti ta' traspożizzjoni. Fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali, daww l-atti delegati jeħtieġ li jiġu allinjati mal-iskadenza l-ġdida tat-traspożizzjoni.

¹ Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (id-Direttiva dwar is-Sikurezza Ferrovjarja) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

² Id-Direttiva (UE) 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

- (8) Fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, ġie kkunsidrat xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, li huwa anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (9) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li d-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798 jiġu emendati fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-29, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.
- (10) Jenħtieġ għalhekk li d-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798 jiġu emendati skont dan.
- (11) Biex tkun tista' ssir l-applikazzjoni fil-ħin tal-miżuri previsti f' din id-Direttiva, din id-Direttiva jenħtieġ li tidħol fis-seħħ bħala kwistjoni ta' urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1
Emenda għad-Direttiva (UE) 2016/797

Id-Direttiva (UE) 2016/797 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 54, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘4. Mhux aktar tard mis-16 ta' Ġunju 2019 l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikoli 21 u 24 u l-kompiti msemmija fl-Artikolu 19 fir-rigward ta' żoni tal-użu fl-Istati Membri li ma jkunux innotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 57(2). B'deroga mill-Artikoli 21 u 24, l-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza tal-Istati Membri li jkunu nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2) jistgħu jkomplu joħroġu awtorizzazzjonijiet f'konformità mad-Direttiva 2008/57/KE sas-16 ta' Ġunju 2020. B'deroga mill-Artikoli 21 u 24, l-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza tal-Istati Membri li jkunu nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2a) jistgħu jkomplu joħroġu awtorizzazzjonijiet f'konformità mad-Direttiva 2008/57/KE sal-31 ta' Ottubru 2020.’;

(2) fl-Artikolu 57, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

‘2a. L-Istati Membri li estendew il-perjodu tat-traspożizzjoni skont il-paragrafu 2 jistgħu jergħu jestenduh sal-31 ta' Ottubru 2020. Il-miżuri tat-traspożizzjoni tagħhom għandhom japplikaw minn dik id-data. Dawk l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni b'dan sa ... [jum wieħed wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].’;

- (3) fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58, id-data ‘16 ta’ Ġunju 2020’ hija sostitwita bid-data ‘31 ta’ Ottubru 2020’.

Artikolu 2

Emenda għad-Direttiva (UE) 2016/798

Id-Direttiva (UE) 2016/798 hija emendata kif ġej:

- (1) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

‘Artikolu 6a

Allinjament tas-CSMs ma’ skadenzi riveduti

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 27 biex tallinja d-dati ta’ applikazzjoni tal-atti delegati adottati taħt l-Artikolu 6(6) mal-iskadenza tat-traspożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 33(2a). Il-proċedura prevista fl-Artikolu 27a għandha tapplika għal atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.’;

- (2) fl-Artikolu 27, jiżdied il-paragrafu li ġej:

‘7. Is-setgħa tal-adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikolu 6a hija mogħtija lill-Kummissjoni minn ...[data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendatorja] sal-31 ta’ Ottubru 2020.’;

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

‘Artikolu 27a

Proċedura ta’ urġenza

1. L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni f’konformità mal-paragrafu 2. In notifika ta’ att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta’ urġenza.
2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f’konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(6). F’tali każ, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta’ oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.’;

- (4) fl-Artikolu 31, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- ‘3. Mhux aktar tard mis-16 ta' Ġunju 2019 l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 10 fir-rigward ta' żoni tal-operazzjoni fl-Istati Membri li ma nnotifikawx lill-Aġenzija jew lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 33(2). B'deroga mill-Artikolu 10, l-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza tal-Istati Membri li nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 33(2) jistgħu jkomplu joħorġu ċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2004/49/KE sas-16 ta' Ġunju 2020. B'deroga mill-Artikolu 10, l-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza tal-Istati Membri li nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 33(2a) jistgħu jkomplu joħorġu ċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2004/49/KE sal-31 ta' Ottubru 2020.’;
- (5) fl-Artikolu 33, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
- ‘2a. L-Istati Membri li estendew il-perjodu tat-traspożizzjoni skont il-paragrafu 2 jistgħu jerġgħu jestenduh sal-31 ta' Ottubru 2020. Il-miżuri tat-traspożizzjoni tagħhom għandhom japplikaw minn dik id-data. Dawk l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni b'dan sa ... [jum wieħed wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja].’;
- (6) fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 34, id-data ‘16 ta' Ġunju 2020’ hija sostitwita bid-data ‘31 ta' Ottubru 2020’.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President